MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 278/2012

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**vs**

**Antoine Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Awissu, 2012 fejn ippremetta:

*1. "Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Meilaq vs. Antoine Vassallo Rikors Nru. 238/06 (Dok A)*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2010, Joseph Meilaq gie kanonizzat u kkonfermat kreditur tal-intimat Antoine Vassallo, fl-ammont ta' €4,658 bl-imghax mis-16 ta' Settembru, 2009 ammontati ghal €186.32 u l-ispejjez tal-kawza ammontanti ghal €1415.66. oltre l-ammont ta' €182.77 dovuti bhala VAT, (u ghaldaqstant l-intimat gie*

*ddikjarat bhala debitur ta' Joseph Meilaq, fl-ammont komplessiv ta' €6443.35).*

*2. Illi fit-3 ta' Mejju 2010, Joseph Meilaq talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv (**Dok B**) kontra l-intimat Antoine Vassallo, in ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet fuq indikat **Joseph Meilaq vs. Antoine Vassallo** (Avviz Nru. 238/06) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Settembru 2009 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).*

*3. Illi l-Mandat ta' Qbid gie esegwit fil-konfront tal-intimat, qua debitur, u mill-fond Antoine Auto Dealer gew maqbuda, izda mhux elevati, il-vettura bin-numru tar-Registrazzjoni TON-306 u l-vettura bin-Numru tac-Chassis WMWRE32050TC88572; u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-marixxal ezekutanti (**Dok C**).*

*4. Illi fl-24 ta' Awwissu 2010, l-intimat Antoine Vassallo (Debitur ta' Joseph Meilaq), Antoine Camilleri (propjetarju tal-vettura TON-306) u Raymond Micallef (propjetarju tal-vettura Mini Cooper bin-Numru tac-Chassis WMWRE32050T) istitwew proceduri ghar-rilaxx tal-vetturi msemmija mill-effetti tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 1497/10 abbazi tal-affermazzjoni li l-vetturi maqbuda bl-effetti tal-mandat ma humiex proprjeta tad-debitur izda ta' terzi; (vide rikors datat 24 ta' Awissu 2010 hawn anness u mmarkat bhala **Dok D**).*

*5. Illi fil-mori ta' dawk il-proceduri, Joseph Meilaq u Antoine Vassallo, qablu li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TON-306 tigi rilaxxjata mill-effetti tal-imsemmi Mandat ta' Qbid, b'dana ghalhekk li t-talba sudetta avvanzata bir-Rikors tal-24 ta' Awissu 2010 baqghet pertinenti u relattiva biss ghall-vettura Mini Cooper bin-numru tac-Chassis WMWRE32050T.*

*6. Illi b'digriet datat 25 ta' Novembru 2010, kif in segwitu varjat fl-1 ta' Marzu 2011 (**Dok E**), it-talba ghar-rilaxx tal-vettura Mini Cooper mill-effetti tal-Mandat ta' Qbid (numru 1497/10) giet michuda b'dana li tali vettura b'hekk baqghet kolpita bl-effetti ta' dak il-mandat.*

*7. Illi meta in segwitu ghal tali digriet, il-marixxal tal-Qorti mar biex jeleva l-imsemmija vettura mill-fond Antoine Auto Dealer, huwa gie nformat minn Antoine Vassallo li dik il-vettura ma kenitx ghadha fil-pussess tieghu izda fil-pussess tal-propjetarju tal-istess vettura.*

*8. Illi ghaldaqstant, nonostante li l-vettura Mini Cooper bin-numru tac-Chassis WMWRE32050T kienet ghadha kolpita bl-effetti tal-mandat ta' Qbid bin-numru 1497/10, l-intimat xorta wahda iddispona mill-istess vettura, u b'hekk sfida l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*9. Illi in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti, permezz ta' digriet datat 13 ta' Marzu 2012 (hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok F****), ordnat lid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili jipprocedi bil-prodecura ta' disprezz fil-konfront tal-intimat.*

*10. Illi in adempiment ma tali ordni l-esponenti qed jintavola r-rikors odjern.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, jghid l-intimat ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna illi:*

*1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz kontra l-awtorita' taghha ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lll-intimat ghall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah ghall-prigunerija ghal zmien sa xahar jew ghal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn u tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew ghall-multa u prigunerija flimkien;*
*3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta nkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimat;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi."*

Rat illi l-intimat debitament notifikat bl-atti ta' dan ir-rikors skond timbru tal-usher Reno Spiteri datat 10 ta Settembru 2012 (fol 41 tergo) ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012 gie esebit certifikat mediku tal-intimat (fol. 43) u li f'dik l-istess seduta Dr Ian Borg ghan-nom tad-Direttur Qrati Civili ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-intimat odjern.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru l-intimat ma deherx meta gie mghajjat ghas-subizzjoni tieghu (fol. 45).

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 27 ta' Frar 2013 li permezz tieghu gab a formali konjizzjoni tal-Qorti, kif jirrizulta mid-dokument B mibghut lilu minn Joseph Meilaq, li minkejja li Antoine Vassallo kien jaf bl-effetti tas-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2012 li inghatat fil-konfront tieghu minn din il-Qorti xorta wahda ma aderixxiex ruhu maghha.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Frar 2013 fejn ordnat notifika lill-intimat tar-rikors tar-rikorrenti datat 27 ta' Frar 2013.

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fl-atti nhar il-15 ta' April 2013 fejn wara li ippremetta li kien gja hallas parti minn dak dovut lil Joseph Meilaq, l-avukat difensur tieghu talbet sabiex il-patrocinat taghha ihallas dak dovut minnu mensilment.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 2013 fejn ordnat lill-partijiet jidhru quddiemha sabiex jigi kkonfermat jekk hux minnu li l-intimat filfatt wasal fi ftehim mad-debitur tieghu.

Rat is-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju 2013 moghtija fl-ismijiet premessi fejn din l-istess Qorti kienet sabet lill-intimat hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha u kkundannat lill-istess intimat ghal sebat (7) ijiem

detenzjoni oltre li jhallas il-multa ta’ elf ewro oltre l-ispejjez ta’ din il-procedura.

Rat ir-rikors tal-intimat datat 13 ta’ Gunju 2013 fejn l-intimat spjega li ma kienx gie notifikat bid-digriet tal-Qorti tas-7 ta’ Mejju 2013 u kien ghalhekk li ma kienx deher quddiemha ghall-udjenza sussegwenti u li kien ghalhekk li talab li din il-Qorti tordna is-sospensjoni tad-decizjoni taghha tal-5 ta’ Gunju 2013, tordna is-smiegh tal-kawza mill-gdid sabiex il-partijiet jidhru quddiemha u tibdel jew tahfer il-piena moghtija minnha ai termini tal-Artikolu 1000 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti odjern datata 10 ta’ Lulju 2013 fejn fost affarijiet ohra sostna li t-talbiet rikorrenti ma jsibu l-ebda sostenn u/jew fundament legali in kwantu s-sospensjoni ta’ sentenza tista’ tintalab biss qabel l-istess sentenza tigi deciza u mhux wara illi tinghata s-sentenza finali.

Rat ir-risposta ta’ Joseph Meilaq datata 18 ta’ Novembru 2013 fejn stqarr li huwa ma kellux oggezzjoni li s-sentenza tigi sospiza una volta li c-cekkijiet li gew moghtija lilu mill-intimat ghas-sodisfazzjon tal-pretensjoni tieghu jigu imsarrfa.

Rat dak li gie verbalizzat mill-Qorti nhar l-4 ta’ Dicembru 2013 (fol. 100) fejn stante n-nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ Joseph Meilaq sabiex it-talba tal-intimat ghas-sospenzjoni tas-sentenza tigi milqugha, il-Qorti ordnat provizorjament is-sospensjoni tas-sentenza sabiex tivverifika li effettivament ic-cekkijiet moghtija lil Joseph Meilaq issarfu.

Rat illi effettivament l-intimat ghamel xi pagamenti u cioe’ skond Dok B a fol. 64 hallas lil Joseph Meilaq is-somma ta’ elf ewro (€1,000) bhala part payment fl-4 ta’ Lulju 2011, skond id-dokument a fol. 65 l-intimat ghamel pagament iehor ta’ hames mitt ewro (€500) nhar l-14 ta’ Gunju 2012 u skond id-dokument esebit a fol. 66 jista’ jkun li effettivament l-intimat ghamel xi pagamenti ohra.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Frar 2014 u cioe' li l-intimat hallas dak kollu li kien dovut minnu u fil-fatt f'dik l-istess seduta deher Dr David Camilleri li ddikjara li l-patrocinat tieghu Joseph Meilaq kien thallas ghas-saldu ta' kull pretensjoni li huwa kellu fil-konfront tal-intimat odjern.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal din is-sentenza huma s-segwenti:

1. Illi l-intimat kien gie kkundannat minn din l-Qorti b'sentenza fl-ismijiet Joseph Meilaq vs Antoine Vassallo moghtija fis-16 ta' Settembru 2009 kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza taghha tad-29 ta' Jannar 2010 sabiex ihallas lil Joseph Meilaq is-somma ta' elfejn lira Maltin ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u sittin centezmu (€4,658.60).
2. Illi cio' nonostante l-intimat ma hallasx dak dovut minnu u r-rikorrenti odjern ipprezenta l-kawza odjerna fejn talab lil din il-Qorti issib lill-intimat hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha.
3. Illi b'sentenza taghha fl-istess ismijiet premessi moghtija fil-5 ta' Gunju 2013 l-intimat odjern kien instab hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' taghha u gie kkundannat sebat ijiem detenzjoni u sabiex ihallas multa ta' elf ewro (€1,000).
4. Illi minn din is-sentenza tal-5 ta' Gunju 2013 l-intimat ma intavola l-ebda appell.
5. Illi in segwitu l-intimat ipprezenta rikors qudiem din il-Qorti fejn talab is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-5 ta' Gunju 2013 u dan ghaliex kien stqarr li xtaq li jinghata zmien sabiex ihallas id-debitu tieghu.
6. Illi llum il-gurnata jidher li l-kreditur tal-intimat huwa sodisfatt ghaliex thallas ghas-saldu tal-pretensjoni tieghu.

Illi cio' nonostante pero' apparti il-fatt li llum il-kreditu tal-intimat thallas, jibqa' il-fatt li l-intimat ma obdiex l-ordni li kienet inghatat lilu bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet '**Joseph Meilaq vs Antoine Vassallo'** nhar id-29

ta’ Jananr 2010. Illi r-rikors li gie ntavolat mill-intimat nhar it-13 ta’ Gunju 2013 kien biss sabiex itawwal l-ezekuzzjoni tas-sentenza li nghatat minnha fil-5 ta’ Gunju 2013 u dan ghaliex it-talbiet tieghu m’humiex imsejsa fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. It-triq li kellu l-intimat kienet wahda u cioe’ li jinterponi umli Appell quddiem il-Qorti tal-Appell u jaghmel l-aggravji tieghu. Din il-Qorti m’ghandhiex il-kompetenza li tbiddel is-sustanza tas-sentenza moghtija minnha permezz ta’ semplici rikors

**Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qieghda tichad it-talbiet tal-intimat Antoine Vassallo kif kontenuti fir-rikors tieghu tat-13 ta’ Gunju 2013 u tordna li s-sentenza moghtija minnha fil-5 ta’ Gunju 2013 fl-ismijiet premessi tigi reza effettiva fl-intier taghha.**

**Oltre dan tordna lill-intimat Antoine Vassallo jhallas tal-ispejjez kollha ta’ din il-procedura.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------